31999D0314

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tad-9 ta' April 1999
li tikkonċerna l-kwestjonarju li għandu x'jaqsam mad-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE dwar il-kontroll ta' perikoli ta' inċidenti maġġuri li jinvolvu sustanzi perikoluż.

(notifikat taħt id-dokument numru K(1999) 856)

(Test b' relevanza għaż-ŻEE)

(1999/314/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-kontroll ta' perikoli ta' inċidenti maġġuri li jinvolvu sustanzi perikoluż [1], u b' mod partikolari Artikolu 19(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE tat-23 ta' Diċembru 1991 dwar l-istandardizzazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni ta' rapporti dwar l-implimentazzjoni ta' ċerti Direttivi li jirrelataw ma' l-ambjent [2],

Billi Artikolu 19(4) tad-Direttiva 96/82/KE jeħtieġ li l-Istati Membri jirrappurtaw dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva fuq bażi ta' tliet snin; billi dan ir-rapport għandu jiġi stabbilit fuq bażi ta' kwestjonarju jew pjan mill-Kummissjoni skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 6 tad-Direttiva 91/692/KEE;

Billi l-perjodu ta' tliet snin għandu jkopri mill-2000 sa l-2002 inklużivi;

Billi l-miżuri maħsuba f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni mogħtija mill-kumitat stabbilit b'Artikolu 6 tad-Direttiva 91/692/KEE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-kwestjonarju kif anness fl-Anness huwa hawnhekk adottat.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom ifasslu rapport li jkopri l-perjodu mill-2000 sa l-2002 inklużivi skond il-kwestjonarju fl-Anness.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-9 ta' April 1999.

Għall-Kummissjoni

Ritt BJERREGAARD

Membru tal-Kummissjoni

---

(1) ĠU L 10, tal-14.1.1997, p. 13.
(2) ĠU L 377, tal-31.12.1991, p. 48.

ANNESS

Kwestjonarju dwar id-Direttiva 96/82/KE dwar il-kontroll ta' perikoli ta' inċidenti maġġuri li jinvolvu sustanzi perikoluż (Seveso II)

Rimarki ta' introduzzjoni

Dan il-kwestjonarju ġie preparat sabiex jassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni dwar l-iskambju ta' informazzjoni kif meħtieġ minn Artikolu 19 tad-Direttiva Seveso II. B' mod partikolari, skond Artikolu 19(4) tad-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b rapport kull tliet snin għal stabbilimenti koperti minn Artikoli 6 u 9 (dawk hekk imsejħa stabbilimenti ta' livell għoli).

L-Istati Membri għandhom jissottomettu rapport li jkopri kull perjodu ta' tliet snin, fl-iktar tard disa' xhur wara l-aħħar tal-perjodu ta' rappurtar. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni għal kull sena tal-perjodu ta' rappurtar. Ir-rapport li jkopri l-perjodu 1997 sa 1999 għandu jiġi sottomess qabel l-aħħar ta' Settembru 2000.

(1) *Informazzjoni ġenerali*

In-numru totali ta' stabbilimenti koperti **b'Artikoli 6 u 9 tad-Direttiva** (dawk hekk imsejħa stabbilimenti ta' livell għoli)

(2) *Rapporti ta' sigurtà*

(a) In-numru totali ta' stabbilimenti li għalihom ġew eżaminati rapporti ta' sigurtà eżaminati minn awtoritajiet kompetenti u l-konklużjonijiet ġew ikkomunikati lill-operatur sabiex jiġu sodisfatti l-obbligi msemmija f'Artikolu 9(4).

(b) Numru totali ta' stabbilimenti li għalihom ir-rapporti ta' sigurtà ġew eżaminati mill-awtoritajiet kompetenti u l-konklużjonijiet ikkomunikati lill-operatur sabiex jiġu sodisfatti **l-obbligi msemmija f'Artikolu 9(4).**

(3) *Pjanijiet ta' emerġenza*

(a) Kemm hemm stabbilimenti li għandhom **pjanijiet interni ta' emerġenza**, kif meħtieġ taħt Artikolu 11(1)(a) tad-Direttiva?

(b) Kemm hemm operaturi li fornew lill-awtoritajiet kompetenti bl-informazzjoni neċessarja sabiex ikunu jistgħu jfasslu pjan estern ta' emerġenza, kif imsemmi f'Artikolu 11(1)(b) tad-Direttiva?

(ċ) Għal kemm stabbilimenti ġew imfassla pjanijiet esterni ta' emerġenza mill-awtoritajiet maħtura, kif imsemmi f'Artikolu 11(1)(ċ) tad-Direttiva?

(d) F'kemm każijiet iddeċidew l-awtoritajiet kompetenti, in vista ta' l-informazzjoni li tinsab fir-rapport ta' sigurtà, li l-ħtieġa li jiġi prodott pjan estern ta' emerġenza m'għandhiex tapplika, kif kopert b'Artikolu 11(6)?

(4) *Effetti domino*

(a) Kemm ġew identifikati stabbilimenti u gruppi ta' stabbilimenti, meta il-probabbiltà u l-possibbiltà jew konsegwenzi ta' inċident maġġuri jistgħu jiżdiedu minħabba l-lokazzjoni u l-prossimità **ta' dawn l**-istabbilimenti, kif imsemmi f'Artikolu 8(1) tad-Direttiva dwar l-effett *domino*?

(b) F'kemm każijiet kif mogħti f' (a) fuq ġiet skambjata informazzjoni addattata, kif imsemmi f'Artikolu 8(2)(a) tad-Direttiva?

(ċ) F'kemm każijiet kif mogħti f' (a) fuq saret dispożizzjoni għal kooperazzjoni li jiġi nfurmat il-pubbliku u tiġi fornita informazzjoni lill-awtorità kompetenti, kif imsemmi f'Artikolu 8(2)(b)?

(5) *L-ippjanar ta' l-użu ta' l-art*

Kemm hemm stabbilimenti ta' livell għoli li ttieħed kont tagħhom fl-iżvilupp ta' politika ta' ippjanar ta' użu ta' l-art, kif imsemmi f'Artikolu 12(1)?

(6) *Informazzjoni dwar miżuri ta' sigurtà*

(a) Għal kemm stabbilimenti inħarġet informazzjoni lill-pubbliku, kif imsemmi f'Artikolu 13(1)?

(b) F'kemm każijiet l-awtoritajiet kompetenti għamlu disponibbli lil Stati Membri oħrajn informazzjoni suffiċjenti sabiex ikunu jistgħu jippreparaw pjanijiet ta' emerġenza, kif meħtieġ f'Artikolu 13(2)?

(ċ) F'kemm każijiet l-awtoritajiet kompetenti pprovdew informazzjoni lil Stat Membru ieħor li tikkonċerna stabbilimenti inkapaċi li jikkreaw perikolu ta' inċident maġġuri lil hinn mil-limitu tiegħu, kif imsemmi f'Artikolu 13(3)?

(d) Kemm rapporti ta' sigurtà saru disponibbli lill-pubbliku, kif imsemmi f'Artikolu 13(4) tad-Direttiva?

(7) *Projbizzjoni ta' l-użu*

F'kemm każijiet l-awtoritajiet kompetenti pprojbixxew l-użu jew li jseħħ l-**użu, kif deskritt f'Artikolu 17(1), ta' kwalunkwe stabbiliment, installazzjoni** jew faċilità ta' ħażna koperta b'Artikolu 9?

(8) *Spezzjoni*

(a) Kemm stabbilimenti ta' livell għoli kienu soġġetti għal spezzjoni kif imsemmi f'Artikolu18(1)?

(b) Kemm stabbilimenti ta' livell għoli huma soġġetti għal

— programm ta' spezzjoni bbażat fuq **feedback sistematiku?**

— programm ta' spezzjoni bbażat fuq mill-inqas spezzjoni fuq il-post **kull 12-il xahar?**